**– IL-KONTUMACI JAFFIDA D-DIFIZA TIEGHU LILL-GUDIKANT –**
**– RIFUZJONI FISKALI: INCENTIV MARBUTA MA' *CHILDCARE CENTRES* –**
**– REGISTRAZZJONI TA' *CHILDCARE CENTRE*: *TEMPORARY* U *PROVISIONAL* –**
**– LIKWIDAZZJONI *ARBITRIO BONI VIRI* –**

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar il-Hamis, 31 ta' Ottubru, 2019**

Avviz tat-Talba numru: **510/2017**

**KEITH SAMMUT**
[K.I. NRU. 10077M]

***VERSUS***

**STEPHEN XIBERRAS** [K.I. NRU. 390063M] **ORANGE TREE CHILD CARE CENTRE U B'DIGRIET TAL-11 TA' APRIL, 2018 IT-TRIBUNAL ORDNA LI L-OKKJU GHANDU JAQRA "XIBERRAS STEPHEN GHAN-NOM U IN RAPPREZENTANZA TA' ORANGE TREE CHILD CARE CENTRE"**

B'Avviz tat-Talba mressaq fit-8 ta' Novembru, 2017, l-attur talab li c-Centru konvenut jigi kundannat ihallsu l-ammont ta' elf, mitejn u tnejn u erbghin ewro (€1,242.00c) rapprezentanti ammont zborsat mill-istess attur stante li ma setax jitlob rifuzjoni tat-taxxa peress li l-istess Centru ma kienx idonjament registrat ma' l-awtoritajiet fiskali. Fil-kors tal-proceduri,[1] permezz ta' nota,[2] l-attur ikkjarifika bi precizjoni l-premessi u t-talbiet ta' l-istanza tieghu b'dan il-mod:

> *Illi f'Novembru ta' l-2015 ir-rikorrent beda' jibghat lit-tewmin tieghu go Child Care Centre bl-isem ta' Orange tree;*

---

[1] *vide* verbal ta' l-udjenza ta' l-14 ta' Dicembru, 2017 (*a fol*. 11).
[2] *vide* nota datata 19 ta' Dicembru, 2017 *a foll*. 15–17.

*Illi meta fl-2016 ir-rikorrent gie biex jimla l-formola tal-Income Tax ghas-sena bazi 2015, huwa nduna li Orange Tree ma kienx inkluz fil-lista ta' Child Care Centres li huma rikonoxxuti mill-gvern sabiex wiehed ikun intitolat ghal rifuzjoni tat-taxxa fuq il-mizati li jkunu thallsu minnhu;*

*Illi r-rikorrent fil-pront informa b'dan kollu lis-sur Stephen Xiberras li kien qieghed jagixxi ghan-nom ta' Orange Tree permezz ta' email datata 30/05/2016;*

*Illi r-rikorrent ircieva risposta ghal email tieghu msemmija supra minghand amministratur ta' Orange Tree li jisimha Audrey Palmier u din weghdet lir-rikorrent illi kienu ittiehdu l-passi mehtiega sabiex ghas-sena bazi 2016 Orange Tree kien ser ikun inkluz fil-lista ta' Child Care centres rikonoxxuti mill-gvern;*

*Illi permezz ta' l-email imsemmija supra li huwa kien ircieva, ir-rikorrent serrah rasu li kien ser ikun jista' jitlob ir-rifuzjoni tat-taxxa ghal dik is-sena u li allura ma kellux ghalfejn ibiddel ic-child care centre ghat-tewmin tieghu ma wiehed li huwa rikonoxxut halli huwa jkun jista' jiehu r-rifuzjoni tat-taxxa ghas-sena 2016 kif xtaq;*

*Illi minkejja l-garanzija msemmija supra, meta gie biex jitlob ghar-rifuzjoni tat-taxxa ghas-sena 2016 ir-rikorrent sab illi Orange Tree fil-fatt ma kienx fil-lista ta' Child Care centers rikonoxxuti mill-gvern u li ghaldaqstant huwa ma kienx eligibbli ghal din ir-rifuzjoni li kienet tammonta ghal 1242 ewro;*

*Illi minkejja li r-rikorrent interpella lil Orange Tree sabiex tersaq ghal rizarciment tad-danni li jammontaw ghal 1242 ewro li huwa sofra minhabba l-ksur tal-ftehim li kien jezisti bejniethom dawn baqghu inadempjenti;*

*Illi ghaldaqstant r-rikorrent ntavola dawn il-proceduri quddiem dan it-Tribunal;*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u dawk kollha li jistghu jirrizultaw fil-kors tas-smigh ta' din il-kawza, prevja kull dikjarazzjoni ohra li tista' tirrizulta mehtiega, ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan it-Tribunal joghgbu:*

1. *Jiddikjara u jiddeciedi li Orange Tree kisret il-ftehim li kien jezisti mar-rikorrent kif deskritt fl-email mibghuta minn Audrey Palmier ghan-nom ta' Orange Tree fil-5 ta' Ottubru, 2016;*
2. *Jiddikjara u jiddeciedi li l-azzjoni fuq imsemmija ikkagonat danni ingenti lir-rikorrent;*
3. *Jillikwida l-istess danni;*

4. *Jikkundanna lil Orange Tree ihallas lir-rikorrent id-danni hekk likwidati u dovuti;*
5. *Bl-ispejjez kontra Orange Tree li hija ingunta ghas-subizzjoni.*

B'Risposta mressqa fl-1 ta' Dicembru, 2017, ic-Centru konvenut eccepixxa hekk:

> *Illi l-konvenut huwa d-direttur tal-Orange Tree Child Care centre li ilha regolarment topera ghal dawn l-ahhar sentejn u nofs u hija regolarment registrata bhala Child Day Care Facility mal-Ministeru ghall-Edukazzjoni u Impjiegi;*
>
> *Illi meta l-konvenut gie avvicinat mill-attur rigward il-kaz, saru l-verifiki mas-sur Andre J. Galea fil-kariga tieghu bhala Ass. Direttur fid-Directorate for Quality & Standards in Education illi assigura lill-konvenut li l-isem tal-Orange Tree Child Care Centre kien gie inkluz fil-lista illi d-dipartiment odjern jibghat lid-Dipartiment tat-Taxxi sabiex il-genituri li juzaw dawn ic-centri jkunu jistghu jibbenefikaw minn din l-iskema ghal rifuzjoni tat-taxxa.*
>
> *Illi ghaldaqstant billi l-konvenut regolarment irregistra c-centru tieghu u mexa skont ir-regoli tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni sabiex jopera l-facilita' skont il-Ligi u l-procedura, jidher illi kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni bejn id-Dipartiment tal-Edukazzjoni u d-Dipartiment tat-Taxxa u ghalhekk l-Orange Tree Child Care Centre ma gietx imnizzla fil-lista u qieghed jigi allegat illi din mhix eligibbli ghall-iskema. Illi ghaldaqstant jidher illi l-kaz gara minhabba illi d-Dipartiment tal-Edukazzjoni jew/u d-Dipartiment tat-Taxxi naqsu mill-obbligi taghhom u ghaldaqstant ghandhom ikunu huma li jhallsu t-talba.*

Illi fl-udjenza tal-14 ta' Dicembru, 2017 gie registrat, *inter alia*, is-segwenti verbal: "*It-Tribunal ha konjizzjoni ukoll tar-risposta tal-Konvenut u minn kjarifiki maghmula* […] *seduta stante, jirrizulta illi effettivament il-Konvenuta Orange Tree Child Care Centre qed tqanqal il-kwistjoni tal-legittimu kontradittur ghall-pretiza attrici, u cioè illi ghall-istess pretiza ghandhom iwiegbu d-Dipartiment tal-Edukazzjoni u/jew id-Dipartiment tat-Taxxi Interni. In vista tal-kjarifika* […] *it-Tribunal jordna s-sejha fil-kawza tad-Dipartimenti msemmija mill-Konvenuta Orange Tree Child Care Centre*."[3]

Il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xoghol ressaq Risposta fit-23 ta' April, 2018,[4] fejn eccepixxa hekk:

---

[3] *vide a fol*. 11.
[4] *vide a foll*. 24–25.

*Illi l-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xoghol m'ghandu l-ebda dover jew obbligu li jaghti xi rifuzjoni ta' taxxa kif qieghed jippretendi l-intimat Stephen Xiberras;*

*Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjoni ta' fuq, l-obbligu tad-Dipartiment tal-Kwalitá u Standards fl-Edukazzjoni (DQSE) huwa li jghaddi l-lista tac-Child Care Centres kollha li jkunu qed joperaw lid-Dipartiment tat-Taxxi hekk kif stipulate f'regolament 3 ta' S.L. 123/121;*

*Illi mhuwiex minnu li d-DQSE naqas milli jghaddi l-informazzjoni lid-Dipartiment tat-Taxxi u dank if jixhdu l-emails hawn annessi u mmarkati bhala Dok 'A' u Dok 'B';*

*Illi r-registrazzjonijiet jinqasmu f'zewg tipi ta' kategoriji, temporary u provisional;*

*Illi sakemm ir-registrazzjoni tibqa' taht il-kategorija temporary, ic-centru ma jkunx eligibbli sabiex il-genituri jibbenefikaw minn rifuzjoni tat-taxxa;*

*Illi l-intimat Stephen Xiberras applika l-ewwel darba biex jirregistra ic-centru meta ic-child care centres kienu ghadhom taht ir-responsabbilitá tad-Dipartiment Ghal Standards fil-Harsien Socjali (DSWS) hekk kif jindika ic-certifikat anness bhala Dok 'C'. Illi huwa kien u jaf b'dan kollu u sahansitra din l-informazzjoni kienet kemm fuq is-sit tad-DWSW (Dok 'D1') u anke qeghda fis-sezzjoni tar-registrazzjoni fuq is-sit elettroniku tal-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xoghol: https://education.gov.mt/en/childcareservices/Pages/Registration.aspx - kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'D2';*

*Illi l-intimat Stephen Xiberras kien konsapevoli tal-istat tar-registrazzjoni tieghu kif jindikaw ic-certifikati ta' registrazzjoni hawn annessi u mmarkati bhala 'E' u 'F'. Ic-centru ghadu taht din il-kategorija ta' temporary status sal-gurnata tal-lum kif jindika c-certifikat anness 'G';*

*Illi ghaldaqstant l-allegazzjonijiet tal-intimat Stephen Xiberras huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bhala inveritieri u fiergha;*

*Illi ghalhekk il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xoghol jichad li kien hemm xi nuqqas min-naha tieghu u jirrispingi l-allegazzjonijiet tal-konvenut sabiex l-esponenti jhallas is-somma mitluba mill-attur Keith Sammut;*

*Ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, it-talbiett tal-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.*

Ghalkemm debitament notifikat,[5] id-Dipartiment tat-Taxxi baqa' ma ressaqx Risposta f'dawn il-proceduri u lanqas ma attenda xi rapprezentant fi hdanu fil-kors tal-proceduri. Ghalhekk, dan il-kjamat in kawza waqa' fi stat ta' kontumacja hekk kif imfisser fil-verbal ta' l-udjenza tal-11 ta' April, 2018.[6]

It-Tribunal qies il-provi kollha,[7] ra l-atti processwali u qies in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet kollha[8] u kif ukoll is-sottomissjonijiet bil-fomm tal-gheluq;[9]

It-Tribunal jikkunsidra;

Il-grajja fattwali fl-isfond ta' din il-vertenza tista' tigi spjegata brevement kif isegwi.

L-attur iskriva lil uliedu minorenni tewmin, Max Sammut u Chris Sammut, fic-*childcare centre* gestit mill-konvenut Stephen Xiberras li jgib l-isem ta' "Orange Tree Child Care Centre" gewwa l-Gharghur. Dan ghamlu ghall-ewwel darba f'Novembru tas-sena 2015. Matul is-sena 2016 l-attur innota li l-imsemmi centru ma kienx registrat ma' l-awtoritajiet koncernati u allura ma setax juzufruwixxi minn rifuzjoni fiskali ghall-mizati minnu mhallsa matul is-sena precedenti (i.e., 2015). Hu kien gharraf b'dan lill-imsemmi centru u da parti tac-centru dawn infurmawh li kienu ser jiehdu hsieb jindirizzaw il-kwistjoni. Sussegwentement, matul is-sena 2017, l-attur rega' intebah li ma setax juzufruwixxi mill-imsemmi incentivi fiskali (ta' rifuzjoni) ghall-mizati minnu pagati matul is-sena 2016 peress li l-istess centru ma kienx idonjament registrat ma' l-awtoritajiet. L-attur jikkontendi li c-centru konvenut ma adempiex l-obbligi tieghu u minhabba tali nuqqas l-attur spicca biex ma kienx eligibbli li jibbenefika minn rifuzjoni fiskali li l-attur jghid li tammonta ghas-somma ta' €1,242.00c.

Min-naha tac-centru konvenut, il-pretiza attrici qed tigi respinta ghax huwa kontiz li l-istess centru kien wettaq id-doveri tieghu u li ghall-ilment ta' l-attur kellhom iwiegbu d-Dipartiment tat-Taxxi u d-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni u dan stante li c-centru jikkontendi li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni bejn l-imsemmija Dipartimenti governattivi li wassal biex Orange Tree Child Care Centre ma jigix imnizzel fil-lista relattiva ta' centri eligibbli ghad-deskritt incentiv fiskali. Skond l-imsemmi centru, dan il-

---

[5] *vide* notifika fuq wara ta' *fol*. 21.
[6] *vide a fol*. 23.
[7] Ghalkemm m'hemmx menzjon specifika ghal kull xhud, ghal kull deposizzjoni jew ghal kull prova dokumentarja mressqa mill-kontendenti, il-provi kollha gew skrutinati u evalwati. Dwar dan, it-Tribunal ser iwettaq rimarka appozita lejn l-ahhar ta' din is-sentenza.
[8] *vide a foll*. 125–126, *a foll*. 128–131, *a foll*. 133–138 u *a foll*. 140–142.
[9] *vide a fol*. 144.

kaz hu frott nuqqasijiet ta' l-imsemmija Dipartimenti ghax naqsu mill-obbligi taghhom u, ghalhekk, ghandhom ikunu l-istess Dipartimenti li huma tenuti jindennizzaw lill-attur.

Il-kjamat in kawza, il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xoghol, kategorikament jichad l-allegazzjonijiet kollha promossi kontrih da parti tac-centru konvenut u jikkontendi li l-istess centru kellu jkun, u effettivament kien, konsapevoli tar-registrazzjoni tieghu bhala *temporary*. Dmir il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xoghol kien li jghaddi l-lista ta' centri lid-Dipartiment tat-Taxxi – oggett li effettivament wettaq – u mhux li jivverifika t-tharis ta' incentivi fiskali. Ghalhekk, ighid l-istess Ministeru, it-talba attrici ma tista' qatt tigi akkolta fil-konfront tieghu.[10]

Epilogati tali fatti, wiehed issa jdawwar harstu lejn il-mertu tal-kwistjoni. Izda qabel xejn, ikun opportun illi jigi puntwalizzat aspett partikolari.

Kif digà rajna aktar 'il fuq, partecipant f'dawn il-proceduri baqa' kontumaci u dan ghax, ghalkemm impoggi f'qaghda (tramite n-notifika relattiv) li jwiegeb ghall-kawza, ghal xi raguni, ghazel li ma jikkontestax l-istanza b'mod formali permezz ta' Risposta u ghaldaqshekk waqa' fi stat ta' kontumacja.[11] Madanakollu, kif sancit mill-Ligi stess [*ex* Art. 158(10) tal-Kodici ta' Procedura Civili[12]] fl-ahhar tal-procediment, u qabel il-litigandi l-ohrajn, id-Dipartiment tat-Taxxi kontumaci ressaq sottomissjonijiet dwar il-kaz. Issa, ghalkemm kontumaci l-istess Dipartiment ma jista' qatt jittiehed bhala partecipant passiv li akkwijixxa ghal dak li qed jigi allegat u pretiz mill-parti attrici. Tali skiet[13] tieghu hu interpretat bhala rezistenza u mhux konfessjoni.

Id-deskritt nuqqas ta' partecipazzjoni tal-parti mharrka – kemm f'dak li jirrigwarda l-aspett formali skritt u kif ukoll ghal dak li jikkoncerna dehera fizika quddiem it-Tribunal –

---

[10] Fl-udjenza tas-26 ta' April, 2018 gie registrat, *inter alia*, illi, "*Fuq domanda tat-Tribunal* [id-difensur tal-Ministeru] *spjega ulterjorment il-pozizzjoni difensjonali mehuda mill-Ministeru minnu rapprezentat u dan fis-sens ili ghalkemm primarjament il-kontestazzjoni hi rivolta lejn l-allegazzjonijiet imqanqla minn Orange Tree Child Care Centre, l-istess linja difensjonali ukoll tikkontesta t-talba tal-Attur Keith Sammut*." (*a fol*. 38).

[11] Dwar l-istut tal-kontumacja u kif dan hu applikabbli fi procedimenti quddiem dan it-Tribunal, wiehed hu dirett jara d-decizjoni *in re* **Margal Limited v. Eucharist Bajada** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 5 ta' Frar, 2019).

[12] Art. 158(10) jghid hekk: "*Jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-konvenut baqa' kontumaċi kemm-il darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss. Il-qorti għandha, madankollu, qabel ma tagħti s-sentenza, tagħti lill-konvenut żmien qasir li ma jistax jiġġedded biex fih jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruħu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet għandhom jiġu notifikati lill-atturli jkollu żmien qasir biex jirrispondi*." Dwar l-importanza li l-ahhar parti ta' din id-disposizzjoni tigi debitament osservata (ghax inkella taf twassal ghan-nullità tas-sentenza) wiehed hu riferut ghas-sentenza *in re* **Clayton Delia v. Claire Agius pro et noe et** (Appell Superjuri, 9 ta' Mejju, 2019).

[13] Dwar it-tema tas-skiet guridiku wiehed hu dirett jara s-sentenza *in re* **Emanuel Esposito v. Carmelo Mugliett** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 9 ta' Jannar, 2019; mhux appellata), b'siltiet mid-duttrina u mill-gurisprudenza lokali dwar il-materja.

m'ghandha tfisser qatt li tali parti qed tbaxxi rasha ghat-talba mressqa kontriha jew inkella xi forma ta' ammissjoni ta' dak allegat kontriha. Addirittura, tali omissjoni tirresponsabilizza lill-gudikant biex jaccerta ruhu li l-allegazzjonijiet attrici jigu xorta wahda pruvati u li l-precetti procedurali dejjem osservati. Il-qrati taghna minn dejjem irrikonoxxew li l-kontumacja tfisser opposizzjoni u mhux xi forma ta' ammissjoni tacita.[14] Fid-duttrina nsibu ritenut li, "*la contumacia vale resistenza, che il contumace tacitamente respinge le domande dello avversario ... il contumace affida al giudice la propria difesa ... questa difesa deve limitarsi ad esaminare se le forme del rito sian rispettate, se l'assunto della parte presente sia fondato in fatto ed in diritto*" (**Salvatore La Rosa**, "Il Contumace nel Giudizio Civile", Filippo Tropea ed. 1887; §118, p.175). Mil-lat ta' gurisprudenza lokali, kif inghad *in re* **Giuseppe Gerada v. Salvu Attard** (Appell Kummercjali, 6 ta' Novembru, 1959), "*Ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci, dan ma jaghtix lok ghall-prezunzjoni ta' abbandun tal-liti, ghad-difett ta' eccezzjonijiet legittimi, jew ghal adezjoni ghad-domanda; imma, inveci, ghas-suppozizzjoni ta' rimessjoni ghall-gustizzja tat-tribunal*." Fuq l-istess stregwa, gie rilevat fid-decizjoni riportata f'*Kollez*. **Vol XXIX-III-35** illi, "*ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dana ma jfissirx illi huwa abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domandi. Il-gudikant ghandu jezamina jekk it-talba hiex gustifikata indipendentement mill-kontumacja tal-konvenuti.*" Illi fil-kawza *in re* **Id-Direttur tar-Registru Pubbliku v. Ermelina Silos Mendoza et** (Prim'Awla, 16 ta' Novembru, 2010) inghad li l-parti f'kontumacja "*titqies li halliet ix-xorti taghha f'idejn il-Qorti biex taghmel haqq ghall-kaz taghha*." F'dan is-sens hi wkoll id-decizjoni *in re* **Carmela Zahra armla v. Direttur tax-Xogholijiet Pubblici** (Appell Superjuri, 28 ta' Frar, 1975; mhux pubblikata).[15] Ghalhekk, ghalkemm f'dan il-kaz id-Dipartiment tat-Taxxi ma ressaqx, formalment, linja difensjonali u ma pproduca l-ebda prova (ghax prekluz minhabba l-qaghda kontumacjali tieghu), il-posizzjoni guridika tal-istess hi meqjusa bhala cahda totali u kategorika tal-allegazzjonijiet kollha vantati kontrih, li jehtiegu jigu debitament pruvati kif imiss.

Registrat tali preambolu, wiehed jirrivolgi l-attenzjoni ghall-fattispecji tal-kaz odjern.

Skond ma rrizulta fil-kors ta' dawn il-proceduri, *childcare centres*, bhal m'hu dak konvenut, ghandhom jigu debitament registrati ma' l-awtoritajiet governattivi u tali registrazzjoni hi dmir ta' l-istess centru jew tal-persuna interessata tirregistrah. Dipendenti mill-forma ta' registrazzjoni – ossia jekk hijiex wahda temporanja jew inkella

---

[14] Ara, *inter alia*, **Giuseppe Wismayer v. Giovanni Magro** (Qorti tal-Kummerc, 24 ta' Novembru, 1934), **London Services Limited v. Regina Bianca Limited** (Appell Superjuri, 31 ta' Lulju, 2003) u **Joseph Buttigieg et v. Julia Farrugia** (Appell Inferjuri, 9 ta' Jannar, 2009).

[15] Dawn l-insenjamenti jinsabu riportati fid-decizjoni *in re* **Awtorità ghat-Trasport F'Malta v. Abdi Khadar Qaasim** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 6 ta' Novembru, 2017; mhux appellata).

wahda provvizorja – ikun hemm incentivi fiskali li minnhom jistghu jiehdu beneficcju l-genituri bhala *taxpayers* li eventwalment jibghatu lil uliedhom fl-imsemija centri. Wiehed jaghti harsa ghall-legislazzjonijiet partikolari li flimkien ifasslu din id-deskritta sistema u l-mekkanizmi relattivi.

Skond l-Art. 14C ta' l-"Att Dwar Taxxa Fuq l-Income" (Kapitolu 123 tal-Ligijiet ta' Malta), "*Minkejja kull ħaġa li tgħid xort'oħra li tinsab f'dan l-Att, jekk individwu jġib prova għas-sodisfazzjon tal-Kummissarju li fis-sena li tiġi minnufih qabel xi sena ta' stima, huwa jkun ħallas, lil ċentru ta' bona fide, miżati li jirrigwardaw servizzi ta' childcare għat-tfal tiegħu li kienu taħt it-tnax-il sena,*[16] *huwa għandu, għal kull wild, jingħata tnaqqis fir-rigward tal-income tiegħu li jkun l-inqas minn dawn l-ammonti – (a) l-ammont attwalment imħallas kif jiġi ċertifikat minn riċevuti uffiċjali; (b) elfejn euro (€2,000)*."

Fir-regolament 2(b) tal-Ligi Sussidjarja 123.121 intitolata "Regoli Dwar Tnaqqais (Mizati Dwar Childcare)"[17] hemm previst illi t-tnaqqis li jista' jintalab minn individwu skond id-dispozizzjonijiet ta' l-Art. 14C ta' l-"Att dwar it-Taxxa Fuq l-Income" jinghata biss fejn, *inter alia*, "*iċ-ċentru ta' childcare huwa reġistrat jew approvat b'xi mod ieħor mill-entità responsabbli għar-regolamentazzjoni ta' ċentri ta' childcare*." Jidher illi dik l-entità li tapprova centru bhala eligibbli bhala tali hija l-*Accreditation Unit* fi hdan id-Direttorat ghall-Kwalità u Standards fi Hdan l-Edukazzjoni (in breve 'DQSE').

Mis-sit elettroniku governattiv «education.gov.mt» jirrizulta hekk: "*A prospective child care provider would need to fill in and submit an Application Form (complete with all necessary supporting documentation including a valid PA permit for use of premises as a Child Day Care Facility) to the Directorate for Quality and Standards in Education (DQSE) in order to request to register a potential Child Day Care Facility with the Ministry for Education and Employment (MEDE). The actual registration of a Child Day Care Facility would be subject to assessment/s by the Accreditation Unit to ensure, amongst other things, conformance of the Facility with the National Standards for Child Day Care Facilities issued in July 2006. Subject to an initial positive assessment by the DQSE in relation to the first three standards of the National Standards for Child Day Care Facilities (issued in July 2006) and upon the satisfactory review of a manual of policies and procedures developed by the Child Day Care Facility, a Facility would initially be temporarily registered as a Child Day Care Facility with MEDE in the short*

---

[16] F'dan il-kaz m'hemm l-ebda prova li tindika l-età ta' ulied l-attur. Madanakollu, hadd mill-kontendenti avversarji tal-pretiza attrici ma kkontesta, jew waddab dubju fuq, dan l-aspett tal-vertenza. Ghalhekk, ghat-Tribunal huwa implicitu li fir-realtà ulied l-attur huma tfal taht it-tnax-il sena.

[17] Dawn ir-regoli dahlu fis-sehh mis-sena ta' stima 2011 hekk kif previst L-A.L. 466 tal-2010, kif emendat bl-A.L. 341 ta' l-2018.

*term. The Facility would need to be committed to meet all the ten National Standards for Child Day Care Facilities within a period of six months in order to attain a more onerous and more permanent form of registration, specifically Provisional Registration*."[18] L-ispjegazzjoni hi cara kristall u tiddelinea dak li ghandu jigi jsehh ghat-twelid ta' *childcare centre*, x'passi jehtiegu jigu adempiti u xi standards iridu jigu osservati sabiex ghal-bidu jkun hemm registrazzjoni *temporary* u eventwalment registrazzjoni *provisional*.

L-istess sit elettroniku ikompli jidentifika d-demarkazzjoni u d-distinzjoni bejn l-appena msemmija zewg tipi ta' registrazzjonijiet.

Ghal dik li jikkoncerna r-registrazzjoni *temporary* hemm imfisser illi, "*Prior to becoming operational, new child day care facilities have the possibility of applying to the Directorate for Quality and Standards in Education for Temporary Registration. To issue a Certificate of Temporary Registration, the Accreditation Unit follows the same procedure used in processing applications for the provisional registration of Child Day Care Facilities. However in this case, as the facility would not yet be in operation, the scope of assessment is limited and would, on the whole, be restricted to suitability of premises and service purpose. However, depending on the level of development of the respective facility or parent organisation, assessments would also address other aspects, such as the availability of written policies and procedures and the suitability of management. Temporary Registration is only valid for a six (6) month period, during which time the management of the facility would be expected to commence regular operations and to request the Accreditation Unit to conduct a full assessment of the facility leading to confirmation/non-confirmation of provisional registration. As temporary registration is granted to facilities that are yet to commence with their operations, such facilities are not considered to be registered facilities for tax rebate purposes*."[19] Din id-deskrizzjoni tibbasta u m'hemm l-ebda htiega li tigi ulterjorment imfissra.

Ghal dik li jirrigwarda r-registrazzjoni *provisional* hemm indikat li, "*When granting provisional registration to a facility, the Directorate for Quality and Standards in Education confirms that a facility would have the potential to become compliant with the established standards. The process of provisional registration entails that the Accreditation Unit conducts an assessment of the facility and after consultation with the providers themselves draws up an Improvement Action Plan. This plan outlines the*

[18] *vide* https://education.gov.mt/en/childcareservices/Pages/Registration.aspx
[19] *ibid*.

*improvements that a facility would need to implement in order to become compliant with the established standards, and sets timeframes for implementation*."[20] Inoltre, hemm certu rekwiziti li jridu jintlahhqu sabiex centru jinghata approvazzjoni fuq bazi *provisional*, fost l-ohrajn, u hekk kif indikat fuq l-istess sit elettroniku governattiv, illi:

- "*The person managing the service demonstrates that he/she is fit and competent to deliver a child day care service;*
- "*The premises are, or can within a short timeframe become, suitable and safe for children;*
- "*There is no significant risk for children, and that any other risks can be eliminated within an established timescale;*
- "*There are no substantiated records or reports where serious complaints have been lodged against the facility;*
- "*There is a commitment to adopt an approach, method, and programme of activities which is conducive to the development of children under the age of three years;*
- "*The person responsible is in a position to improve the facility to the levels established by set requirements and standards;*
- "*There are clear indications that the service provider would be in a position to fulfil the Child Day Care requirements and meet the standards established in the Standards for Child Day Care Facilities, published in July 2006.*" [21]

Lejn l-ahhar ta' din id-deskrizzjoni ta' *provisional registration* hemm innutat hekk: "*N.B. Only parents whose child/ren attend a Provisionally Registered Centre will be eligible for a tax rebate. Further information can be obtained from the Commissioner of Revenue*."[22]

Jidher li fil-passat tali registrazzjoni kienet tinghata mid-Dipartiment Ghal Standards fl-Harsien Socjali (in breve 'DSWS')[23] mentri llum-il gurnata l-istess jinghataw mid-Direttorat ghall-Kwalità u Standards fi Hdan l-Edukazzjoni (in breve 'DQSE').[24] Ir-registrazzjoni relattiva tghaddi minghand DWSW jew DQSE lill-awtoritajiet fiskali sabiex jigu annoverati f'lista ta' centri li huma eligibbli ghat-tnaqqis ta' taxxa skond l-Art. 14C citat *supra*, purkè li c-centru in kwistjoni ikun registrat abbazi ta' *provisional registration* u mhux *temporary registration*. Eventwalment, genitur li jaghmel uzu mis-servizzi ta'

---

[20] *ibid*.
[21] *ibid*.
[22] *ibid*.
[23] *vide a fol*. 31.
[24] *vide a foll*. 34–36. Ara wkoll *email* datat 25 ta' Ottubru, 2016 ezibita *a fol*. 27.

*childcare centre* japplika ghal tnaqqis jew ghal rifuzjoni u din tinghata mill-Fisco jekk ir-rekwiziti fuq deskritti huma regolarment *in essere*.

Addizzjonalment, skond ir-regolament 3(1) L.S. 327.323 intitolata "Regolamenti Dwar ir-registrazzjoni ta' Facilitajiet tat-Tfal ta' Matul il-Jum Bhala Stabbilimenti Edukattivi", "*Kull persuna responsabbli minn facilità tista' tapplika lill-Ministru sabiex dik il-facilità tkun registrata bhala stabbiliment edukattiv mad-Divizjoni ta' l-Edukazzjoni*." Hawnhekk naraw kif l-applikazzjoni ghar-registrazzjoni tac-centru, kif inhu wara kollox mistenni, taqa' bi dmir fuq il-persuna responsabbli mill-facilità, ossia c-centru ta' *childcare*. L-istess Ligi Sussidjarja wkoll tippreskrivi, taht regolament 5(1) illi, "*Il-persuna responsabbli mill-facilità ghandha, qabel ma tilqa' xi tifel jew tifla biex jattendu fil-facilità, tinforma lill-genituri b'kull mizata jew hlas iehor involut*."

Mill-assjem ta' dawn il-legislazzjonjiet, jirrizulta b'mod car illi huwa l-persuna responsabbli mic-centru relattiv li ghandha timxi ma' certa rekwiziti amministrattivi biex l-istess facilità edukattiva tigi registrata mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni u sussegwentement approvata mill-istess Dipartiment. Ic-certifikat li eventwalment jinhareg ikun jew *temporary registration* jew *provisional registration* u tali registrazzjoni tiddependi mill-passi li tiehu l-persuna responsabbli mic-centru relattiv u jekk certa rekwiziti jigux osservati. L-approvazzjoni relattiva mill-*Accreditation Unit* tghaddi f'idejn id-Dipartiment tat-Taxxi li johloq lista ta' centri li talvolta jafu jibbenefikaw minn certu incentivi. Dipendenti minn dan, imbaghad hemm il-kwistjoni jekk il-genituri li jaghmlu uzu mic-centru jistghux jibbenefikaw minn riduzzjoni, ossia rifuzjoni, tat-taxxa jew le. Fi kliem iehor, rifuzjoni tinghata mill-awtorità fiskali lil dawk il-genituri li juru li bghatu lill-uliedhom f'*childcare centres* registrati fuq bazi *provisional*. Inoltre, kif jifhimha dan it-Tribunal, huwa wkoll dover ta' centri bhal dawn li apparti dak it-taghrif specifiku lill-genituri skond ir-regolament 5(1) L.S. 327.323, huma jaghtu wkoll informazzjoni dwar l-incentivi fiskali li talvolta jkunu eligibbli ghalihom l-istess genituri li jaghmlu uzu mic-centru ta' *childcare*, aktar u aktar meta l-genitur jew genituri jistaqsu specifikatament dwarhom.

Fil-fehma tat-Tribunal, fid-dawl ta' dak appena espress u mill-provi mressqa f'dan il-procediment, in-nuqqasijiet tac-centru konvenut bl-isem ta' "Orange Tree Childcare Centre" johorgu manifesti. F'din il-vicenda, ma jidhirx li l-kontradittur legittimu tal-attur ghandu jkun id-Dipartiment tat-Taxxi jew il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xoghol peress li ma kienx wiehed jew l-iehor li ppregudika kwalsiasi jedd ta' rifuzjoni li talvolta seta' jibbenefika minnu l-attur skond il-ligi fiskali. Ir-rwol tal-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xoghol kien li jiprocessa l-informazzjoni li tinghatalu mic-*childcare centre* relattiv, johrog ic-certifikat relattiv u li jghaddi tali informazzjoni lid-Dipartiment tat-Taxxi. Min-naha

tieghu, id-Dipartiment tat-Taxxi kellu funzjoni merament amministrattiva u burokratika li jaghti rifuzjoni lil dawk il-genituri *taxpayers* li juru, *inter alia*, li ghamlu uzu minn *childcare centre* idonjament annoverat bhala centru b'registrazzjoni *provisional*. Jekk ir-registrazzjoni kienet *temporary*, ir-rifuzjoni ma tinghatax.

B'mod generali, ic-centru "Orange Tree Childcare", gestita u mmexxija minn Stephen Xiberras, kellu dmir jara l-idonjetà tar-registrazzjoni tieghu mal-awtoritajiet rilevanti, kemm edukattivi u kemm fiskali. Bhala entità li qed toffri servizz lill-pubbliku (jew lil settur specifiku tieghu), kien mistenni u sahansitra doveruz ghall-amministraturi tac-centru li jaraw li dak li kienu qed joholqu kien konformi mal-Ligijiet relattivi u kif ukoll man-normi amministrattivi partikolari u li jaraw li l-iskopijiet jew l-ghanijiet tac-centru qed jintlahqu *in toto* u mhux *in partem*. Fi kliem iehor, kien jaqa' bi dmir fuq ic-centru illi, mhux solament jaghti s-servizz ta' *childcare* lill-genituri applikanti, izda wkoll li l-obbligi accessorji jew ancillari jigu mharsa. F'tali inter-relazzjoni jidhol grad ta' bona fidi fejn entrambe l-partijiet ghandhom jimxu bhala *bonus pater familias* fir-rigward mhux biss ta' l-interessi proprji, izda wkoll tal-parti l-ohra.[25] L-interess tal-genituri f'dan il-kaz huwa li c-centru relattiv, darba senjalata certa anomalija riskontrata mill-genitur bhala *taxpayer*, jara li jikkonforma ruhu adegwatament u jaghti taghrif, konkret u tajjeb, lill-istess genitur.

Inoltre, kif centru jigi registrat sabiex jipprovdi servizzi ta' *childcare* kien fatt pubbliku u pubblicizzat fuq is-sit elettroniku (ara *supra*), fejn hemm taghrif semplici x'passi ghandhom jittiehdu minn min ikun interessat jirregistra facilità bhala tali. Hemm taghrif dwar id-diversi tipi ta' registrazzjoni u kif ukoll id-differenza bejniethom u liema wiehed jirrizulta f'incentiv fiskali u liema le. Dan qed jigi puntwalizzat ghax mhux gust li c-centru jargumenta – hekk kif jaghmel fin-nota t'osservazzjonijiet tieghu – li kien primarjament oneru tal-genitur li jara li jibghat lil uliedu f'centru registrat bhala *provisional*. Huwa minnu li genitur, b'mod generali, ghandu jiehu hsieb tali aspett (ghax wara kollox l-incentiv fiskali ser jibbenefika minnu hu), izda f'dan il-kaz ic-centru kien avvertit b'mod specifiku. Tali fattur, jaghti lewn divers ghall-oneri u obbligi tal-partijiet f'dan il-kaz.

Fl-ispecifiku, ic-centru konvenut kellu jattiva ruhu meta l-attur kien gharrfu *b'email* tat-30 ta' Mejju, 2016 li, "*I am in the process of filling in my tax return for basis year 2015 and have noted that your childcare is not included in the CIR list (copy attached). Therefore I cannot avail myself for a tax deduction. Going forwards however and looking into next*

[25] Dan gie imsemmi mill-attur fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu. Addizzjonalment, dwar tali tematika it-Tribunal jirreferi ghas-sentenzi *in re* **Impel Communications Co. Ltd v. Gerard Attard et** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 15 ta' Ottubru, 2018), *in re* **Joseph Azzopardi v. Alan Ellul** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 30 ta' April, 2019) u *in re* **Avukat Dr. John Bonello v. Christopher Bonello et** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 9 ta' Jannar, 2019) li lkoll ghaddew in gudikat. F'tali decizjonijiet il-kuncett (u norma komportamentali) ta' bona fidi gew deskritti f'aktar dettall.

*year, I kindly ask you to contact CIR and do any necessary paperwork for your nursery to be included for 2016 base year (next year's tax return). You will appreciate that with 2 kids (Max & Chris) and no tax refund it will be costly and unwarranted*."[26] Ghal tali *email*, it-twegiba relattiva tac-centru konvenut, datata 5 ta' Gunju, 2016, kienet din: "*Dear Mr. Sammut, First of all I would like to thank you for your call and for your email regarding the Tax Rebate matter. As discussed in our telephone conversation, we have notified our accountant, who in return has filled in the forms and applied for this Tax Rebate system and therefore Orange Tree child care centre will be part of it in 2016*."[27] F'dan l-istadju, ic-centru konvenut kien f'posizzjoni li jekk ma kienx precedentement konxju ta' dan l-aspett fiskali – li wara kollox kellu dmir li jkun jaf bih *a priori*, immaterjali minn senjalazzjonijiet ta' terzi – sar konsapevoli bih. Mhux biss talli c-centru sar konsapevoli, izda li addirittura l-istess centru gharraf lill-attur li kien digà kkonsulta mal-*accountant* tac-centru, li min-naha tieghu kien ha hsieb japplika biex il-beneficcju t'indole fiskali jkun uzufruwit mill-attur ghas-sena sussegwenti. L-*email* hu konfezzjonat f'termini li ma jhallux lok ghal dubji. L-*email* huwa konfezzjonat f'termini li jaghti assikurazzjoni lill-attur recipjent tieghu li c-centru kien digà ha hsieb jindirizza l-problematika senjalata mill-attur (u mhux li l-kwistjoni sejra tigi ulterjorment investigata).

Madanakollu, ghalkemm f'din l-ahhar *email* hemm wieghda u garanzija (i.e., "*therefore Orange Tree child care centre will be part of it in 2016*."), ic-centru koncernat baqa' mhux adegwatament registrat sabiex ikun hemm l-incentiv fiskali relattiv. Infatti, madwar sena wara, l-attur rega' bghat email, fl-14 ta' Gunju, 2017, fejn kien irrileva hekk: "*I refer to the mail below when I had requested and you confirmed that Orange Tree child care centre will be part of the Tax rebate for 2016. I am disappointed to note that in the basis years 2016 booklet (copy attached), your child care is not included. In 2016 I paid a total of Eur 1242 for Max & Chris Sammut. I await your explanation and compensation for an amicable settlement.*"[28] It-twegiba tac-centru konvenut giet fid-19 ta' Lulju, 2017 fejn kienet taqra hekk: "*Please note that we are aware of this situation and we are currently liaising with the departments concerned to sort this out. Kindly note that this is beyond our control and we are doing our best so that our child care centre will be added to next year's booklet and therefore you will be able to claim for deductions. Apologies for the inconvenience*."[29] Din id-darba c-centru konvenut wiegeb

---

[26] *vide a fol*. 45 (isfel nett). Ara wkoll zewg emails skambjati bejn l-attur u Stephen Xiberras. Wahda datata 4 ta' Frar, 2016 u l-ohra datata 7 ta' Frar, 2016. Fl-ewwel email l-attur informa lil Xiberras biex "*you report the fees paid to the CIR, for the kids individually on my name … This will enable me to claim a tax credit for the basis year 2015*." F'dik ta' l-ahhar Xiberras informal ill-attur illi, "*I will pass your information to my accountant*" (*vide a fol*. 118).
[27] *vide email* ta' Audrey Palmier lill-attur *a fol*. 45.
[28] *vide a fol*. 45 (fuq nett).
[29] *vide email* ta' Audrey Palmier lill-attur *a fol*. 44.

diversament milli kif kien ghamel is-sena precedenti. Din id-darba minflok il-garanzija tas-sena ta' qabel, il-kliem hu indikattiv li s-sitwazzjoni ghadha mhux indirizzata. Ghalhekk, jidher illi dak imwieghed fl-*email* tal-5 ta' Gunju, 2017 baqa' ma giex adegwatament implementat sad-19 ta' Lulju, 2017, bil-konsegwenza li l-attur ma setax jibbenefika mir-riduzzjoni fiskali relattiva.

F'dan is-sens it-Tribunal jirreferi ghal dak li sostna Stephen Xiberras fil-kontro-ezami tieghu. Stephen Xiberras qal li jaf li hemm registrazzjoni *temporary* u ohra *provisional* u li wkoll huwa konsapevoli li hemm differenza bejniethom.[30] Madanakollu, ma jafx tali differenza kif taffetwa lill-genituri li jiedu lill-uliedhom fic-centru[31] u dan nonostanti li c-centru suppost ha parir minghand l-*accountant* tieghu u nonostanti li l-istess centru kien qed jiddiskuti l-kwistjoni ma' xi dipartimenti koncernati "*to sort this out*". Meta pressat sostna li huwa ma jiccekkjax ghax jghaddi l-karti lil Audrey Palmier, li tahdem fi hdan ic-centru tieghu bhala *administrator*. Da parti ta' Audrey Palmier din ukoll ma kinitx tafx l-implikazzjonijiet fiskali marbuta ma' registrazzjoni *temporary* u ohra provisional.[32] Ghat-Tribunal, huwa alkwantu anomalu li c-centru jaghti certi garanziji u sahansitra jghid li kien ikkonsulta l-*accountant* tieghu, "*who in return has filled in the forms and applied for this Tax Rebate system*", izda s-sitwazzjoni baqghet statika u ma inbidlitx, biex imbaghad, sena wara, ic-centru jinforma lill-attur li s-sitwazzjoni kienet barra mill-kontroll taghhom. Jekk ic-centru kien verament ikkonsulta mal-*accountant* tieghu, certament Xiberras u Palmier kellhom ikunu jafu l-impatt fiskali x'kien u mhux jistqarru li ma kinux jafu.

Mill-kumpless tad-deposizzjonijiet taghhom in kontro-ezami, it-Tribunal ma jezitax jirrimarka li tohrog impressjoni illi l-kwistjoni tar-registrazzjoni tac-centru mhux daqstant cara ghal min qed imexxih jew jamministrah. Kien mistenni li, ghalkemm mhux f'dettall minuzjuz, il-gesturi ta' centru bhala dan ikunu jafu b'certu dettalji bazici u b'certu normi amministrattivi. Ikollu jigi mistqarr ukoll illi l-kontro-ezami ta' dawn iz-zewg xhieda wera' xenarju alkwantu divers min-narrazzjoni skjetta taghhom kif konfezzjonata fl-affidavits rispettivi taghhom.[33] Kif sew ritenut, il-kontro-ezami "*is beyond any doubt the greatest legal engine ever invented for the discovery of truth*" (*cfr*. **Larry S. Pozner** u **Roger J. Dodd**, "Cross-Examination: Science & Techniques", 2nd ed., 2004; §1.02, pp.1–3).

Kif diga' maghdud, kien doveruz ghac-centru li jikkonforma ruhu mal-ligijiet, man-normi jew mar-regolamenti kollha, kemm amministrattivi u anke ta' natura fiskali, sabiex ikun

---

[30] *vide a tergo* ta' *fol*. 114.
[31] *vide a fol*. 115.
[32] *vide a fol*. 120 u wkoll *a tergo* ta' *fol*. 120.
[33] *vide a fol*. 88 ghall-affidavit ta' Xiberras u *a fol*. 90 ghal-affidavit ta' Palmier.

possibbli li l-genituri li jaghmlu uzu mis-servizzi tac-centru jkunu jistghu jirreklamaw dawk id-deduzzjonijiet fiskali li l-ligi stess takkordalhom. In-nuqqas ta' osservanza ta' tali oneri kien jippregudika l-incentivi li talvolta setghu jircievu l-genituri tat-tfal li kienu jintbghatu fic-centru konvenut, hekk kif proprju jixhed il-kaz in specie.

Mill-fattezzi pekuljari ta' dan il-kaz, kollox juri li c-centru konvenut naqas mid-doveri tieghu, anke meta giet lilu specifikatament senjalata u sollevata, da parti ta' l-attur, l-anomalija tar-registrazzjoni ghal skopijiet ta' incentivi fiskali. L-attur kien car meta gharraf lic-centru konvenut biex il-posizzjoni tigi regolarizzata sabiex jigi ottenut il-beneficcju fiskali (ara email tat-30 ta' Mejju, 2016 citata *supra*). Hekk ukoll kien skjett u car ic-centru konvenut meta serrah ras l-attur li l-istess centru kien digà ha passi relattivi biex ic-centru jkun konformi halli l-attur jibbenefika mit-tnaqqis fiskali relattiv (ara *email* tal-5 ta' Gunju, 2016 citata *supra*). Nonostanti dan, is-sitwazzjoni baqghet mhux debitament radrizzata u indirizzata u l-attur baqa' espost, billi ma setax jibbenefika minn rifuzjoni fiskali ghas-sena ta' wara.

Illi huwa ta' xejn li c-centru konvenut jargumenta li kien hemm xi miz-komunikazzjoni mad-dipartimenti governattivi l-ohrajn (i.e., tal-Edukazzjoni u dak tat-Taxxi). Dan hu hekk proprju l'ghaliex – kuntrarjament ghal dak asserit fin-nota t'osservazzjonijiet tac-centru konvenut – id-dmir ta' konformità generali jaqa' comb fuq l-istess centru li jara li kollox jinsab f'postu u in regola u mhux li l-genitur jivverifika jekk ic-centru relattiv ghandux registrazzjoni li tippermetti applikazzjoni ta' incentivi fiskali. Izjed minn hekk, l-istess centru kien gie mgharraf b'mod specifiku dwar l-anomalija riskontrata mill-attur u dan ghal aktar minn darba. Izda, ghal xi raguni, ic-centru ma kienx ikkonforma ruhu, ghalkemm jikkontendi li kien ikkonsulta mal-*accountant* tac-centru[34] u ma ufficjali fi hdan id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. Jekk kien hemm xi allegata miz-komunikazzjoni bejn ic-centru u d-dipartimenti governattivi jew bejn l-istess dipartimenti governattivi (kif allegat fir-Risposta tac-centru), din hi materja – dejjem jekk hi minnha – li taf taghti jedd t'azzjoni ta' rivalsa lic-centru kontra terzi. Izda di fronti ghall-odjerna pretiza attrici, huwa solament ic-centru li jrid iwiegeb ghax proprju hija l-organizazzjoni (u nuqqas ta' registrazzjoni idoneja) ta' l-istess centru li ippregudikat lill-attur ghal dak li jirrigwarda incentivi fiskali li hu kien espressament talab ghalihom u li gew lilu garantiti.

[34] Ta' min jinnota li l-*accountant*, li seta certament jitfa aktar dawl fuq il-vertenza, baqa' qatt ma gie prodott biex jixhed. Hawnhekk it-Tribunal jirramenta d-*dictum* ta' Lord Thomson LJ.C, fil-kaz *in re* «**Thomson v. Corporation of Glasgow**» (1962 SC [HL] 36 at 52) fejn sostna illi, "*It is on the basis of two carefully selected versions that the Judge is finally called upon to adjudicate . . . He is at the mercy of contending sides whose whole object is not to discover truth but to get his judgment. That judgment must be based only on what he is allowed to hear. He may suspect that witnesses who know the "truth" have never left the witness-room for the witness-box because neither side dares risk them, but the most that he can do is to comment on their absence*." (*cfr*. **HEYDON J. D.**, "Cross on Evidence", 8th Australian edition, LexisNexis Butterworths Australia, 2010, §17135, p.531).

Bazikament, li kieku c-centru konvenut kien registrat fuq bazi *provisional*, din il-kwistjoni qatt ma kienet tqum. Il-fatt li r-registrazzjoni ta' dan ic-centru minn dejjem kienet, u baqghet, fuq bazi *temporary*, din hi haga, jekk ikun il-kaz, li jrid jaraha u jindirizzaha l-istess centru ma' l-awtoritajiet relattivi.

Minn dan kollu naturalment jiddixxendi li l-kjamat fil-kawza Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xoghol ma jista' qatt jinstab responsabbli di fronti ghall-pretiza attrici u, ghalkemm baqa' kontumaci, lanqas ma jista' jwiegeb il-kjamat in kawza l-iehor, id-Dipartiment tat-Taxxi.

Ir-rwol ta' l-ewwel wiehed huwa li jiccertifika n-natura tac-centru li japplika ghal status ta' facilità bhala *childcare* (u li jara li certu *standards* huma mharsa), filwaqt li dak ta' l-ahhar, dipendenti mic-certifikazzjoni li tinghata lilu mill-imsemmi Ministeru, japplika l-incentiv fiskali ghall-ġenituri li eventwalment japplikaw ghal riduzzjoni. Jekk l-attur ma inghatax ir-rifuzjoni fiskali relattiva mid-Dipartiment tat-Taxxi, dan kien rizultat tan-nuqqas ta' registrazzjoni adegwata da parti tac-centru konvenut mal-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xoghol li – ghal xi raguni u wara li kien ha pariri – halla r-registrazzjoni tieghu bhala wahda *temporary* u ma progressax ghal registrazzjoni *provisional*. Id-differenza bejn it-tnejn kellha tkun ben nota ghac-centru, anke l'ghaliex bhala entità li qed toffri servizz pubbliku ghandu jkun implicitu li aspetti saljenti bhal dan ikunu minnu debitament mistharrga u maghrufa *a priori*. Hawnhekk, jikkalza perfettament il-brokkard li jghid illi *ignorantia eorum quæ quis scire tenetur non excusat*,[35] jew kif komunement maghruf, *ignorantia juris, neminem excusat*, li hu applikabbli ukoll *in sede* civili (u mhux biss kriminali) kif turi s-sentenza **Maggur Hannibal A. Scicluna M.B.E. noe v. Avv. Dr. Edgar Grima et noe** (Prim'Awla, 23 ta' Frar, 1965).

F'dan l-istadju, ghar-ragunijiet esposti *supra*, jidher li r-responsabbilità tal-grajja ghandha tingarr esklussivament mic-centru konvenut "Orange Tree Childcare Centre". Jifdal li wiehed jara jekk l-attur huwiex gustifikat li jitlob c-cifra ta' elf, mitejn u tnejn u erbghin ewro (€1,242.00c) rapprezentanti ammont imhallas mill-istess attur stante li ma setax jitlob rifuzjoni tat-taxxa kif minnu allegat fl-att promotur.

Jinghad mill-ewwel li f'dan ir-rigward l-attur ma ressaq l-ebda prova oggettiva jew konkreta li tindika ghaliex qed jirreklama specifikatament dan l-imsemmi ammont.[36] L-attur ma offriex spjegazzjoni minn fejn jirrizulta tali ammont, abbazi ta' xiex inhadem u x'jikkonsisti jew kif inhu suddiviz. Fl-Avviz tat-Talba jsemmi tali cifra u jerga' jirripeti l-

[35] "*Ignorance affords no excuse in reference to those things which one is bound to know*" (Trayner's Latin Maxims, **A.G.M. DUNCAN**, Sweet & Maxwell 1993, 4th ed.; p.248).

[36] Dan huwa aspett li c-centru konvenut jitratta fin-nota t'osservazzjonijiet tieghu u kif ukoll fit-trattazzjoni bil-fomm tal-ahhar.

istess somma fin-nota spjegattiva tieghu tad-19 ta' Dicembru, 2017[37] u jirreferi ghaliha f'xi *emails* annessi ma' l-affidavit tieghu.[38] Madanakollu, m'hemm xejn oltre l-kelma ta' l-attur li taghti spjegazzjoni b'mod oggettiva ta' l-isemmi ammont u l-kalkolu ta' warajh. L-ircevuti minnu ezibiti b'nota tas-27 ta' Lulju, 2018 jindikaw l-ammonti mahruga mill-attur bhala hlasijiet (mizati) lic-centru konvenut ghas-servizz ta' *childcare* moghti izda ma jghinux ghall-otteniment tac-cifra ta' €1,242.00c reklamata f'dawn il-proceduri bhala telf ta' beneficcju t'indole fiskali. Ghalhekk, hawnhekk ghandna semplici dikjarazzjoni *pro se*, minghajr ebda korroborazzjoni jew prova indizjarja ulterjuri.[39]

Kif diversi drabi ritenut minn dan it-Tribunal,[40] ghal min qed jiggudika, xejn ma huwa skontat u xejn m'hu ovvju. Gudikant adit minn mertu ta' procediment ghandu jfassal id-decizjoni tieghu fuq l-bazi tal-materjal probatorju li l-kontendenti jressqu quddiemu, u ghal tali materjal – in virtù tal-principju ta' *iura novit curia* – japplika n-norma ritwali rilevanti u dik sostantiva l-aktar attinenti. In effetti, il-principju konsagrat fl-Art. 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, skond liem min hu tenut jiggudika ghandu l-obbligu jaghmel hekk "iuxta allegata et probata", jimporta illi d-decizjoni emessa tkun mehuda unikament in bazi ghall-allegazzjonijiet konkretament pruvati, cioè mic-cirkostanzi fattwali u guridici dedotti in fondament ghad-domanda jew tal-eccezzjoni, u dejjem

---

[37] *vide a foll*. 15–17.

[38] *vide a fol*. 42, *a fol*. 43 u *a fol*. 44.

[39] Kif jikteb l-awtur Franciz **Auguste Sourdat** ("Trattato Generale della Risponsabilità", Napoli, 1853; Vol.I; §333, p. 417), "*Colui che domanda il risarcimento di un danno è dunque obbligato di provare la colpa che dà origine all'obbligazione. Ciò deve applicarsi, tanto più rigorosamente, in quanto la presunzione non è in favore de' delitti e della imputabilità dell'uomo*." Dan l-imsemmi awtur, wara li jaghmel diversi osservazzjonijiet dwar kif jista' jigi ppruvat id-delitt, imbaghad jghaddi sabiex jitkellem fuq l-effett tal-prova fl-isfera civili. Hu jghid li, "*Non può aver luogo lo stesso avanti i tribunali civili. In fatti la parte lesa è attrice. Spetta a lei di provare. Essa articola i fatti, ma ciò non basta, e tutto ciò che essa allega come vero non costituisce che una pretensione interessata, non già una testimonianza. Le pruove debbono sempre essere prese al di fuori di tali allegazioni. In una parola, la qualità di testimonio e quella di parte non possono qui separarsi*." (*ibid*., §347, p. 428). Ta' l-istess hsieb hu l-imsemmi awtur **Giorgio Bianchi** (*op. cit*., p. 172) li jghid hekk: "*Le dichiarazioni* pro sé *hanno, per evidenti ragioni, efficacia probatoria minima, in considerazione della scarsa affidibilitá della affermazione di fatti a sé favorevoli e sfavorevoli alla controparte*." Inoltre, ta' min jissenjala d-decizjoni *in re* **Audrey Murphy et v. Mark Anthony Murphy** (Prim'Awla, 11 ta' Gunju, 2015) illi fiha inghad hekk: "*bħalma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setgħu nvoluti magħhom ikunu tabilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet*."[39] Meta dan ikun hekk, min hu tenut jiggudika ghandu jikkunsidra tali verzjonijiet b'kalibrazzjoni mal-provi mressqa mill-partijiet li ghandhom indole oggettiva. Kif jinghad fid-decizjoni, fost ohrajn, *in re* **John Pace noe v. Kenward Cole noe** (Prim'Awla, 26 ta' Frar, 2001), *"Il-Qorti tibda billi tirrileva li trattandosi ta' zewg verzjonijiet konfliggjenti, ikollha tirreferi u toqghod mhux biss fuq id-deposizzjonijiet kontrastanti moghtijin mill-partijiet imma testendi l-indagni taghha fuq il-provi dokumentali u/jew indizjarji li ghandhom iwassluha ghas-soluzzjoni gusta tal-vertenza*."

[40] *vide* sentenza ta' dan it-Tribunal *in re* **Charles Schembri v. Jean Schembri** (9 ta' Jannar, 2019) u dik moghtija llum stess *in re* **Mario Farrugia v. Jonathan Pellegrini** (31 ta' Ottubru, 2019).

mehuda in bazi tal-provi forniti mill-partijiet litigandi. Tali norma hija ntiza biex tassigura d-debitu rispett tal-principji fundamentali tal-kontradittorju, u timpedixxi li parti tissubixxi decizjoni bazata fuq fatti ghaliha injoti jew skonoxxuti in relazzjoni ta' liema l-istess parti ma setghetx tiddefendi ruhha jew tesprimi opinjoni jew sottomissjoni dwarhom. Il-principju tad-disponibilità tal-provi ghandu jkun intiz bhala vinkolu ghall-gudikant fl-accertament tal-fatti mressqa mill-kontendenti, fis-sens illi jekk il-partijiet ma joffrux provi diretti ghal tali accertament, il-gudikant ma jistax – fl-assenza ta' norma li tiddetta kuntrarjament – jipprovdi hu stess u jissostitwixxi l-inizjattiva proprja ghall-mankata inizjattiva ta' min kien primarjament interessat li jressaqha. Huwa ghalhekk li l-ordinament guridiku taghna jhaddan massimi Latini[41] bhal "quod non est in actis non est in mundo",[42] "secundum acta et probata non secundum privatam scientiam"[43] u "non refert quid notum sit judici si notum non sit in forma judicii".[44] Tali massimi huma riflessi u abbraccjati fid-decizjonijiet, fost ohra, *in re* **Carmelo Zammit v. Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp** (Qorti Kummercjali, 10 ta' April, 1995) u *in re* **Michael Debono et v. Joseph Zammit et** (Prim'Awla, 30 ta' Gunju, 2010). In kongunta ma' din l-ahhar asserzjoni, hu rilevanti dak affermat mil-awtur **AURELIO SCARDACCIONE** ("Le Prove", UTET 1965; §3, p. 8) meta jghid illi, "*il giudice nella formazione o preparazione del materiale, che a lui occorre per pervenire alla decisione della controversia, sceglie i fatti su cui giudicare e, nell'operare tale scelta, si avvale solo dell'attività probatoria svolta dalle parti nell'ambito del processo.*"

It-Tribunal ma qieghedx jghid li l-attur ma kienx pregudikat fiskalment minhabba l-grajja odjerna (peress li l-atti processwali oggettivament juru tali pregudizzju), izda li l-istess ma weriex in-natura preciza tac-cifra minnu specifikatament domandata fl-ammont ta' €1,242.00c. Huwa f'dan is-sens li l-provi huma mankanti u mhux fis-sens li l-istess provi ma jurux li l-attur ma giex affettwat negattivament bin-nuqqasijiet tac-centru konvenut.

---

[41] Referenza ghal massimi u precetti derivanti mid-Dritt Ruman sehhew ghax, kif maghdud fid-decizjoni *in re* **Dr. Giovanni Messina ed altri v. Com. Giuseppe Galea ed altri** (Prim'Awla, 5 ta' Jannar, 1881 – Decizjoni Nº 122 riportata f'*Kollez*. Vol. IX–308), il-Ligi Rumana kienet, u ghadha, l-"ius comune" (ligi komuni) ta' Malta u "*nei casi non proveduti dalle nostre leggi, dobbiamo ricorrere alle leggi Romane*". Bhala ezempju fejn saret referenza ghal u applikazzjoni tal-principji mid-Dritt Ruman, ara, *inter alia*, **Vincent Curmi noe v. Onor. Prim'Ministru et noe et** (Qorti Kostituzzjonali, 1 ta' Frar, 2008); **John Patrick Hayman et v. Edmond Espedito Mugliett et** (Appell Superjuri, 26 ta' Gunju, 2009); **Anthony Caruana & Sons Limited v. Christopher Caruana** (Appell Superjuri, 28 ta' Frar, 2014); **Coleiro Brothers Limited v. Karmenu Sciberras et** (Prim'Awla, 13 ta' Frar, 2014); u **Sebastian Vella et v. Charles Curmi** (Appell Superjrui, 28 ta' Frar, 2014).

[42] *traduz*.: dak li mhux ezebit fl-atti processwali, ma jezistix ghall-gudikant.

[43] *traduz*.: skond dak mressaq bhala prova/evidenza, u mhux skond dak li jaf personalment il-gudikant.

[44] *traduz*.: mhux dak li jaf personalment il-gudikant, izda dak li hu importanti huwa li l-fatt ikun imressaq u imwassal lil min hu tenut jiggudika f'forma u f'manjiera ta' evidenza.

Madanakollu, ghalkemm l-attur inizjalment telaq b'talba specifika fl-Avviz tat-Talba fejn hemmehkk pretenda rifuzjoni fl-ammont determinat (ta' €1,242.00c), fin-nota spjegattiva tieghu (fejn fassal il-premessi tal-kawza tieghu u t-talbiet relattivi b'mod aktar idoneju), l-istess attur, *inter alia*, talab lit-Tribunal biex jiddikjara u jiddeciedi li hu sofra danni (tieni talba) u li l-istess hsarat jigu likwidati u kwantifikati (tielet talba).[45] In vista ta' hekk, it-Tribunal huwa fakoltizzat li jikkwantifika l-pregudizzju pekunjarju soffert mill-attur.

Ta' min josserva wkoll illi fejn, bhal f'dan il-kaz, l-ammont ma jkunx jista' jigi stabbilit fl-ezattezza kollha tieghu ghaliex ikun difficli li dan isir, purké jkunu jezistu elementi probatorji necessarji u certi fatti accertati, huwa possibbli li d-determinazzjoni tal-ammont rizarcitorju issir mill-gudikant permezz ta' valutazzjoni ekwitattiva. Proprju l-uzu ta' dan il-kriterju sussidjarju hu dak li jeghleb d-diffikultajiet riskontrati dwar l-entità ezatta tat-telf fiskali soffert mill-attur u, li jevita wkoll li tali diffikoltà probatorja tirrizolvi ruhha in definittiva a favur ta' min dak it-telf ikun gabu *in essere*.

Kif jaraha dan it-Tribunal, fil-kaz prezenti jezistu l-presupposti mehtiega biex it-Tribunal jaddotta l-imsemmi kriterju, ukoll minghajr il-htiega ta' domanda esplicita ghal daqshekk mill-attur.  Hekk, ad ezempju, sar fil-kawza *in re* **Neg. Edgar Laferla noe v. Neg. Antonio Cachia pro et noe** (Qorti tal-Kummerc, 6 ta' Gunju, 1951). Fiha gie enuncjat, fuq il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti ta' Kassazzjoni ta' Ruma *in re* "Banca Nazionale v. Santini" tal-11 ta' Mejju, 1877, illi "*fin-nuqqas ta' mezzi probatorji ta' l-ammont tad-danni dan l-ammont jigi fissat ex aequo et bono mill-gudikant skond id-dettami tar-raguni u tal-kuxjenza tieghu meta jigi msejjah biex jistabilixxi l-kwantitattiv tad-danni*."

B'tali ezercizzju, ta' natura ekwitattiva, it-Tribunal jikkompleta u jikkolma dak il-vojt tal-prova preciza fuq il-*quantum* bhala *bonum vir*, ossija b'apprezzament ekwu tac-cirkostanzi lilu pruvati.  Effettivament, tali apprezzament jimplika gudizzju fejn fih jittiehed konsiderazzjoni tal-qaghda konkreta tal-kaz u dan fil-prattika jfisser illi t-Tribunal, ghalkemm ma tressqitx prova ezatta tat-telf fiskali ilmentat mill-attur, ma jkunx jista' jinjora l-fatt accertat tal-ezistenza ta' l-irregolarità u tal-pregudizzju ekonomiku soffert, u konsegwentement jghaddi biex jaghmel uzu mill-precitat kriterju idoneju biex jasal ghal komputazzjoni gusta ghall-fattispecji ta' dan il-kaz.

Ghalkemm il-kompetenza *ratione valoris* ta' dan it-Tribunal tasal sal-ammont ta' hamest'elef ewro (€5,000.00c) u ma tmurx oltre,[46] fil-kwantifikazzjoni pertinenti ghall-prezenti vicenda ser jittiehed qies li l-attur pretenda li jircievi indenniz ta' mhux aktar

[45] *vide a fol*. 17.
[46] Art. 3(2) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

minn €1,242.00c. Tali kwaltifikazzjoni sejra ssehh fuq bazi *arbitrio boni viri*. Hekk kif asserit, fost diversi ohra, *in re* **Easylife TV Direct Company Ltd et v. Omajco Cleaners Ltd et** (Prim'Awla, 15 ta' Novembru, 2016), "*Din il-Qorti tosserva illi huwa accettat, f'certu cirkostanzi, illi d-danni jigu stabbiliti "arbitrio bono viri". Huwa pacifiku illi l-prova tad-danni tispetta lil min jallega li soffriha (artikolu 562 tal-Kap. 12). Izda huwa daqshekk iehor stabbilit illi likwidazzjoni ta' danni arbitrio boni viri hija mistennija u f'waqtha meta jkun difficli ghall-attur li jipprova, b'mezzi ordinarji, id-danni effettivament sofferti. (Ara Margaret Camilleri et vs The Cargo Handling Company Limited, PA, 13/10/2004 u Joseph Attard vs Direttur Generali tas-Sahha, App 30/05/2014)*."

Abbazi ta' dan, it-Tribunal qed jillikwida, fuq bazi *arbitrio boni viri*, l-ammont ta' elf ewro (€1,000.00c) bhala somma rizarcitorja dovuta lill-attur. Tali ammont, fic-cirkostanzi, ghandu jaghmel tajjeb ghan-nuqqasijiet tac-centru konvenut hawn fuq deskritti u jikkolma l-aspett fiskali ma setax juzufruwixxi minnu.

Qabel l-gheluq ta' din is-sentenza, it-Tribunal jehtieg iwettaq rimarka brevi u dan fid-dawl ta' diversi punti u aspetti li gew espressi fit-trattazzjoni, kemm bl-iskritt u kif ukoll oralment, ta' dan il-kaz.

Ma jkunx futili jigi mfakkar illi, "*Hu fil-poter diskrezzjonali tal-gudikant li jislet mill-istess provi dik il-prova li hu jqis l-aktar attendibbli u affidabbli ghall-formazzjoni tal-konvinciment u li jwarrab jew jiskarta dik il-prova li hu jqis inkompatibbli mar-*ratio decidendi *adottata*." (**Elizabeth Bugeja v. Anthony *sive* Tony Muscat** Appell Inferjuri, 27 ta' Gunju, 2007). Inoltre, kontendent fi proceduri gudizzjarji (kemm attur u kif ukoll konvenut) ma jistax jippretendi illi min ghandu jiggudika ghandu jaccetta bhala sagrosant l-assunzjonijiet kollha tieghu kontra l-konvinzjonijiet ta' min hu tenut jiggudika (*vide* **Antoine Vassallo v. Paul Portelli**, Appell Inferjuri, 27 ta' Frar, 2008) ghax, kif maghruf, il-gudikant, f'sede civili, hu fakoltizzat bid-diskrezzjoni li japprezza l-elementi probatorji akkwiziti u li jispogola minnhom dawk il-fonti ta' provi li hu jidhirlu l-aktar idonei biex isostni d-decizjoni tieghu (*vide* **Anthony Mifsud et v. Victor Calleja et,** Appell Inferjuri, 9 ta' Jannar, 2008). Anzi, jinsab sahansitra rikonoxxut illi anke jekk sabiex tasal ghar-*ratio decidendi* tas-sentenza, il-qorti ta' l-ewwel grad taghzel tistrieh kwazi ghal kollox fuq ir-rizultanzi istruttorji forniti minn parti wahda, u mhux fuq l-assjem tal-provi, dan ma jgibx ghal daqshekk illi s-sentenza hi radikalment hazina jew erroneja (ara f'dan is-sens *vide* **Bonalco Aluminium Limited v. John Peresso**, Appell Inferjuri, 12 ta' Dicembru, 2007). Ir-raguni wara dan jista' jinsilet mill-kliem utilizzat mill-Qorti ta' Kassazzjoni Civili Taljana, fil-kaz ta' '*Zambelli c. Tarozzo*' tat-28 ta' Jannar, 1977, fejn hemm affermat hekk: "*L'obbligo della motivazione deve ritenersi assolto dal giudice del merito ogni qualvolta questi indichi gli elementi sui quali fonda il proprio convincimento,*

*dovendo ritenersi disattesi, per implicito, quei diversi rilievi e quelle circostanze, che, sebbene non menzionati espressamente, siano logicamente incompatibili con la decisione addottata*." (*cfr*. "**Massimario della Giurisprudenza Italiana**" Anno XLVII – 1977; UTET 1979, massima nru. §444 riportata f'pagna 107).

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi, ghar-ragunijiet espressi f'din id-decizjoni, filwaqt li jilqa' l-eccezzjonijiet tal-Ministeru tal-Edikuazzjoni u filwaqt ukoll li jillibera mill-osservanza tal-gudizzju lid-Dipartiment tat-Taxxi, jichad l-eccezzjonijiet ta' Stephen Xiberras ghan-nom ta' "Orange Tree Childcare Centre" u jilqa' t-talba attrici, b'dana illi jiddikjara li l-istess Stephen Xiberras ghan-nom ta' "Orange Tree Childcare Centre" hu unikament responsabbli fil-kontront ta' l-attur u konsegwentement jillikwida d-danni mgarrba mill-attur u lilu dovuti minn Stephen Xiberras ghan-nom ta' "Orange Tree Childcare Centre" fl-ammont ta' elf ewro (€1,000.00c). L-interessi bir-rata ta' 8% fuq l-ammont ta' €1,000.00c jibdew jiddekorru mis-sejha gudizzjarja odjerna, ossia mit-8 ta' Novembru, 2017.

L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri, inkluzi dawk tal-kjamati in kawza, ghandhom jigu sopportati interament minn Stephen Xiberras ghan-nom ta' "Orange Tree Childcare Centre".

***ft*. Avv. Dr. Kevin Camilleri Xuereb**
*Gudikatur*

***ft*. Adrian Pace**
*Deputat Registratur*